MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 283/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Therese Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Therese Spiteri talli fid-9 ta' Marzu 2007 fil-Mosta ghal habta ta' 3.15pm, naqset li taghti access ta' binha Timothy ta' 9 snin lil Dennis Thompson, u dan minghajr ebda raguni xierqa, bi ksur tad-digriet nru. 57/2005 mahrug fid-19 ta' Ottubru 2006 mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Therese Spiteri hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Therese Spiteri, minnha prezentat fit-18 ta’ Lulju 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2007; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandha tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament li l-ewwel qorti interpretat hazin il-provi. Hija tikkontendi li ma kienx minnu li ma tatx l-access kif ordnat mill-Qorti Civili kompetenti. Ezaminati l-provi, din il-Qorti ma taqbilx. Bil-fatt li l-appellanti rrendiet ruhha rreperibbli b’mod li kif Thompson gie lura mis-safar huwa ma seta’ b’ebda mod jikkuntatjaha, gara li effettivament hija kienet qed tonqos milli tassigura li t-tifel imur iqatta’ tmiem il-gimgha ma’ missieru kif ordnat mill-Qorti Civili. Ghalhekk dana l-aggravju hu infondat.

It-tieni aggravju hu bazikament fis-sens li d-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2006 ma kienx jikwalifika bhala “ordni tal-qorti” ghall-finijiet tal-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9, u dan peress li skond l-anagrafe Dennis Thompson ma hux missier Timothy. In fatti l-kawza li kien hemm quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja kienet proprju istitwita minn Thompson sabiex huwa jigi dikjarat bhala missier it-tifel minflok Mario Bonello (ir-ragel ta’ Spiteri fi zmien it-twelid tal-minuri). Din il-kawza giet fil-fatt deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fl-20 ta’ Marzu 2007 billi t-talba ta’ Thompson giet michuda, u dan ghar-raguni li tali talba ma setghetx, skond il-Kodici Civili taghna, tigi proposta minn Thompson. Jekk wiehed, pero`, jaqra sew dik is-sentenza jara li dik il-Qorti Civili implicitament ammettiet li Thompson kien missier Timothy. Fi kwalunkwe kaz, id-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2006, li nghata fil-mori ta’ dik il-kawza, kien ordni validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9, peress li bih dik il-Qorti kienet qed tirrikonoxxi, anke jekk biss temporanjament, il-paternita` biologika ta’ Thompson. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemm xejn xi jzomm Qorti kompetenti li tkun sodisfatta mill-paternita` biologika ta’ ragel fil-konfront ta’ minuri milli taghmel, fl-interess suprem ta’ l-istess minuri, ordni ta’ access riferibbilment ghal dak ir-ragel, liema

ordni, sakemm jibqa' fis-sehh, ikun jorbot ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi Artikolu 338(*ll*). Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

It-tielet aggravju hu dwar il-piena. F'dan l-aggravju jispikka s-sens ta' pika tal-appellanti meta din tipprova tinvoka bhala mitigazzjoni ghall-piena fuqha inflitta l-fatt li Thompson mhux jaghtiha manteniment ghat-tifel. Pero` din il-Qorti xorta sejra, ghal din id-darba biss, tbiddel il-piena karcerarja f'wahda pekunjarja, u dan in vista' tal-kondotta nadifa ta' l-istess appellanti.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti Therese Spiteri ghall-piena ta' gimgha detenzjoni, u minflok tikkundannaha ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------